MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 64/2010

**Annamaria u Christopher konjugi Attard Montalto kif ukoll Joseph u Vincenza konjugi Stellini**

**Vs**

**Joseph Portelli**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-27 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenut jigi kundannat jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh tal-fond Bel-Air fi triq Grunju fil-limiti tal-Qala jew Nadur, Ghawdex bil-gnien anness u li jikkonfina mit-tramuntana mat-triq, lvant ma’ beni ta’ Francene Zammit, punent in parti ma’ beni ta’ Raymond Bajada u in parti ma’ beni tal-Gvern ta’ Malta u nofsinhar in parti ma’ beni ta’ Mikiel Meilak jew tal-Gvern ta’ Malta skond il-konvenju li ffirmaw il-partijiet fit-28 ta’ Lulju 2009. Talbu wkoll li fl-eventwalita li l-konvenut ma jersaqx ghall-att finali, is-somma ta’ mija

u sittax-il elf u hames mitt ewro (€116,500) li hallas il-konvenut tintilef favur l-atturi fi kwota ta' sitta u sebghin elf u hames mitt ewro (€76,500) u erbghin elf ewro (€40,000).

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut fit-23 ta' Awwissu fejn iddikjara li:-

1. Mir-ricerki li ghamel irrizulta li l-atturi ma ghandhomx titolu validu fuq l-ghar illi tidhol ghalih mill-art oggett tal-konvenju meritu tal-kawza. Hemm ukoll kwistjoni ma' terzi dwar fejn tinsab l-art u l-konfini u l-passagg limitrofu.
2. Hemm ukoll problema mill-aspett fiskali ghaliex id-dikjarazzjonijiet li jridu jaghmlu l-atturi fuq il-kuntratt ta' bejgh ma jirrispekjax il-kwadru veru u real ital-fatti, u jista' jkollhom implikazzjonijiet fuq il-validita' tal-kuntratt ta' bejgh.

Semghet id-deposizzjoni tall-perit Joseph Stellini u tal-konvenut.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut li biha ddikjara li qieghed ***"…jammetti t-talbiet attrici purke jinghata terminu ta' seba xhur ghall-pubblikazzjoni tal-att."***.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum.

**Fic-cirkostanzi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet attrici u:**

**1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' xiri tal-fond bla numru u bl-isem Bel Air, Triq Grunj, limiti Qala jew Nadur, Ghawdex, bil-ngenin hemm anness, konfinanti fl-intier tieghu tramuntana mat-triq, lvant ma' beni ta' Francene Zammit, punent in parti ma' beni ta' Raymond Bajada u l-Gvern ta' Malta u nofsinhar in parti ma' beni ta' Michael Meilak jew tal-Gvern ta' Malta skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-konvenju tat-28 ta' Lulju 2009 u li permezz tieghu ghandu jixtri l-imsemmi fond.**
**2. Il-kuntratt ghandu jigi ppubblikat fit-2 ta' Mejju 2011 f'12.00 p.m. fil-bini tal-qorti min-nutar Dr Kristen Dimech, liema terminu qieghed minn issa jigi dikjarat**

**li m'huwiex prorograbbli jekk mhux fuq talba konguntiva li ssir minn kull wiehed mill-partijiet fil-kawza. B'dan li l-partijiet qeghdin jinghataw il-fakolta li permezz ta' rikors konguntiv jitolbu li d-data tal-pubblikazzjoni tkun qabel it-2 ta' Mejju 2011.**

**3. Fl-eventwalita li l-konvenut jonqos milli jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fit-2 ta' Mejju 2011 qeghda minn issa tiddikjara li f'dak l-istadju l-konvenut jitlef kwalsiasi dritt ghar-rifuzjoni tad-depozitu ta' mija u sittax-il elf u hames mitt ewro (€116,500) li hallas fuq il-konvenju tat-28 ta' Lulju 2009, u liema ammont ghandu jinzamm mill-atturi in kwantu ghal €40,000 mill-konjugi Attard Montalto u €76,500 mill-konjugi Stellini.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------